# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 694/01/SM**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Dambal Caterers Limited bhala debitur principali u Joseph Balzan bhala garanti personali flimkien u "in solidum" mad-debitur principali.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa mija u hamsin lira Maltin u tlieta u tlettin centezmu (LM2950.33,0) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' merkanzija ghall-konsum mibjugha lis-socjeta' konvenuta bhala d-debitur principali u**

**liema prezz gie garantit l-hlas tieghu mill-konvenut presonalment u "in solidum" mas-socjeta' debitrici;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar, 2001, tal-mandat ta' Qbid u ta' sekwestru kawtelatorji li gew intavolati kontestwalment, u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-17 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**